**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 27 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1519/01 AJD**

**Maltacom plc**

**vs**

**Frances Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitejn u lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm201.63), in konnessjoni mas-servizz tat-relefon relattiv ghall-linja bin-numru 804212, u dan skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici. Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex thallas, hija baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi:-
1. Il-kont jidher esagerat u qabel is-socjeta' attrici tipprezenta kontegg dettaljat tal-ammont pretiz, hi ma tistax tghid kemm hu realment l-ammont dovut.
2. Hija ilha tilmenta mas-socjeta' attrici li meta tuza t-telefon ftit li xejn, xorta tircievi kontijiet qawwija. Marret tilmenta diversi drabi.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Aaron Bugeja, David Buttigieg u tal-konvenuta Frances Ellul. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi s-socjeta’ attrici esibiet rendikont dettaljat (a fol. 27 tal-process), in kwantu jirrigwarda l-ammont mitlub minnha fl-Avviz tat-Talba. Inoltre, David Buttigieg, li huwa mpjegat fl-ufficcju legali tas-socjeta’ attrici, fix-xhieda tieghu tat-8 ta’ Mejju, 2002, ta spjegazzjoni dettaljata tal-kontenut ta’ dan ir-rendikont. Huwa spjega infatti li l-linja in kwistjoni, u cioe’ dik bin-numru tat-telephone 804212, giet mehuda (‘removed’) fit-22 ta’ Mejju, 2000, u giet maqtugha, u cioe’ ‘disconnected’, fit-30 ta’ Awissu, 1999. Huwa spjega wkoll li l-ammont mitlub fl-Avviz tat-Talba u cioe’ dak ta’ mitejn u lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm201.63) kellu jigi ridott b’sittax il-lira Maltin u sittax il-cenrtezmu (Lm16.16). Din ir-riduzzjoni tirrigwarda l-kera ghall-perijodu minn meta l-linja giet maqtugha sakemm giet mehduda kif hawn fuq spjegat, fis-sens li ghal dan il-perijodu il-kera ma baqghetx dovuta u ghalhekk ghandha tigi mnaqqsa mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fil-proceduri odjerni.

2. Illi l-konvenuta eccepiet li l-kont rilaxxjat mis-socjeta’ attrici huwa esagerat u tablet kuntegg dettaljat tal-ammont pretiz. Fix-xhieda taghha tat-8 ta’ Mejju, 2002, hija xehdet li l-ahhar darba li effetwat pagament lis-socjeta’ attrici kien fl-20 ta’ Ottubru, 1998, u li f’din id-data is-socjeta’ attrici infurmatha li ma kienx ghad fadal bilanc dovut u rrilaxjatilha ricevuta. Hija promettiet li tesebixxi din l-ircevuta permezz ta’ nota fir-Registru izda naqset milli taghmel dan. L-attrici xehdet ukoll li wara li effetwat dan il-pagament, irceviet kont iehor minghand is-socjeta’ attrici ghal sitt xhur ‘pulses’ bil-quddiem u xehdet ukoll li meta nqatghatilha l-linja, is-socjeta’ attrici kienet infurmatha li kien ghad jonqosha thallas bilanc ta’ mija u sita u hamsin lira Maltin (Lm156.00). Hija spjegat li kienet qed tirrifjuta li thallas l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici minhabba l-fatt li l-istess socjeta’ attrici kienet esigiet pagament ta’ ‘pulses’ bil-quddiem.

3. Illi huwa principju bazilari tal-ligi taghna li min jallega jrid jipprova. Il-konvenuta allegat hafna affarijiet izda ma rnexxilha tipprova xejn minnhom. Hija allegat li f’Ottubru, 1998, kienet hallset dak kollu dovut minnha lis-socjeta’ attrici u li l-istess socjeta’ attrici irrilaxxjat id-debita ricevuta, izda nonostante cio’, l-konvenuta naqset milli tesibixxi din l-ircevuta. Il-konvenuta allegat ukoll li wara li hija kienet hallset dak kollu dovut minnha, is-socjeta’ attrici baghtitilha kont ghall-‘pulses’ bil-quddiem, izda anki f’dan il-kaz, hija naqset milli tesebixxi l-kont relattiv. Fl-ahhar nett, il-konvenuta

naqset milli tispjega il-ghaliex l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici kien esagerat kif sostniet fir-risposta taghha u l-anqas ma ressqet provi f'dan ir-rigward.

4. Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra esibiet rendikont detaljat tal-ammont minnha pretiz kif spjegat aktar il-fuq u pruvat soddisfacentement li l-ammont kif ridottt ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm185.47), ghadu dovut mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoniiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (lm185.47), bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuta skon dil-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**